MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 16/K6/2009 |
| Data: | It-Tlieta, 20 ta' Lulju 2010 |
| Post: | Ufficcju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 17.30 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sindku : | Sur Clifton Grima |
| | Il-Vici Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Abela<br>Sur Emanuel Brincat<br>Dott. Carmelo Grima<br>Sur Matthew Agius<br>Sur Charles Selvaggi |
| | Is-Segretarju Ezekuttiv: | Sur Matthew Dimech |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppublikat nhar it-Tnejn, 12 ta' Lulju 2010. L-Agenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 15/K6/2010.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Minuti mil-Kumitat Amministrattiv Swatar
5. *Public Private Partnership Resurfacing* ta' Toroq f'Imsida.
6. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.
8. Affarijiet ohra jekk urgenti.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

**Seduta Nru 16/K6/2009**

581. Is-Sindku talab ghas-sospensjoni tal-Agenda sabiex jigu diskussi il-minuti tal-laqgha 13/K6/2010.

***Approvazjoni tal-Minuti tas-Seduta 13/K6/2010***

582. Is-Sindku ressaq il-minuti bhala moqrija. Ma kien hemm l-ebda korrezjoni.

583. Il-Sindku ressaq il-minuti ghall-approvazjoni. Dott. Grima issekonda. Il-Minuti gew iffirmati mis-Sindku u is-Segretarju Ezekuttiv.

***Materji mil-minuti tas-Seduta 13/K6/2010***

584. Dwar minuta 522, Dott. Grima qal li la darba il-Kunsill qabel li jghamel Bord tal-ghazla ghal ghoti tal-medalja Mertu Msida, ma jarax raguni ghala il-Kunsill ghandu jiddeciedi oltre. Is-Sindku qal li il-Bord ghandu jirrakomanda biss. Is-Sindku qal li huwa jaqbel illi l-ghazla finali tkun f'idejn il-Kunsill.

585. Dwar minuta 525, C Selvaggi saqsa jekk il-persuna mqabbda tkun ghassa mal-bieb tal-Kunsill ghamilx xoghlu sew, ghax dan ma bedies jistaqsi ghal-inviti lin-nies li dahlu il-Kunsill. Is-Segretarju qal li huwa ressaq il-preokkupazjoni tieghu dwar din id-decizjoni mas-Sindku u Vici-Sindku dakinhar stess tar-riceviment, peress illi ma hix haga sabiha li twaqqaf in-nies barra mil-Kunsill u thallihom jistennew sa ma johorgu l-invit, hekk kif ukoll li setgha kien hemm problem ohra niccekjaw in-nies mal-lista ta' invitati. Is-Segretarju qal li s-Sindku u Vici-Sindku qablu mighu illi is-Security iwaqqaf biss lil dawk li hu jidirlu ma kienux invitati. Is-Segretarju kompla billi qal illi sa fejn jaf hu, fir-riceviment kien hemm biss nies invitati u l-mistednin taghhom u kollox mexa kif suppost.

**Punt 1 Approvazjoni tal-Minuti tas-Seduta 15/K6/2010**

586. Dwar minuta 537(b), E Abela talab li tizdied sentenza mal-minuta li tghid: "E Abela talab li jigu nfurmati l-Kunsilliera min qabel".

587. Dwar minuta 545, M Agius talab biex tizdied is-sentenza 'u l-istess ghamel M Agius' qabel l-ahhar sentenza tal-minuta.

588. Dwar minuta 551, E Brincat qal li ghandu jizdied il-kliem 'u dahal fil-18:21'.

589. Dwar minuta 557(e), C Selvaggi qal li ghanda tizdied sentenza fl-ahhar tal-minuta li tghid: "M Baldacchino qalet li la s-Sindku ma kienx prezenti ma ghandniex nitkelmu fuq il-materja".

590. Dwar minuta 558(h), C Selvaggi qal li fl-ahhar tas-sentenza ghandu jizdied il-kliem: "u XXXXX XXXXX ukoll lil Kunsilliera."

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

591. Dwar minuta 559(d), M Agius qal li l-kelma “formali” ghanda tinbidel u ssir “informali”.

592. Dwar minuta 572, M Agius u C Selvaggi talbu korrezjonijiet sabiex il-minuta tigi taqra: “*… sabiex tghin fl-organizzazjoni tal-festival. C Selvaggi qali li kien hemm Dott. Grima li mar fil-kazin tal-Partit Nazzjonalista u qal li €100 trid tinghata bilfors, ghax huwa hekk fehem l-ittra. Terza persuna umbghad ukoll marret il-kazin fejn din regghet qalet li l-€100 hija obligatorja. Dan sgwida bil-kbir, meta din it-terza persuna qalet raprezentanti fil-Kazin li hu kien cempel lis-Sindku u qal li s-Sindku ser jirranga kollox… ”*

593. Dwar minuta 572, C Selvaggi qal biex tizdied minuta 572(b), u li din taqra “M Baldacchino qalet li l-ittra ma inghatatx lil min kellha tinghata fil-hin.”

C Selvaggi qal ukoll biex tizdied minuta 572(c), u lid in taqra “C Selvaggi qal li ghandu informazzjoni lid in it-terza persuna cemplet lis-Sindku fejn dan qallu li ser jirranga kollox.”

594. Dwar minuta 556, M Baldacchino qalet li ghanda tizdied sentenza fl-ahhar tal-minuta li tghid “L-istess mizuri ghandhom isiru fi Triq Isqof Caruana u E Abela ssugerixxa lid in l-ittra tintbghat lil Ministeru koncernat.”

595. M Agius qal li ghanda tizdied minuta 579(b), li tghid “M Agius qal bies niktbu lill-Kunsill ta’ Ta’ Xbiex dwar banquina perikoluza fejn ir-ristorant ‘Mamma Mia.”

M Agius qal ukoll li ghanda tizdied minuta 579(c) li tghid “M Agius saqsa dwar il-fatt jekk il-Kunsill jirregolax x’jistghu ibieghu il-*kiosks* fil-jiem tal-Festa. Is-Segretarju wiegeb fin-negattiv.”

M Agius qal biex tizdied minuta 579(d) li tghid “M Agius saqsa meta ser jispicca ix-xoghol ta’ *resurfacing* fi Sqaq Casolani. M Brincat u s-Segretarju wiegbu li kollox ghandu jkun lest sal-14 ta’ Lulju 2010.”

596. Il-Sindku ressaq il-minuti ghall-approvazjoni. C Selvaggi issekonda. Il-Minuti gew iffirmati mis-Sindku u is-Segretarju Ezekuttiv.

**Punt 2 Materji mill-Minuti**

597. Dwar minuta 537(b), is-Sindku qal li jkollu laqghat ta’ aktar min darba fix-xahar mal-Ispettur tal-Ghassa tal-Pulizija u li jahdem tajjeb hafna mieghu. Is-Sindku qal lu hu diga avza lill-Ispettur li l-laqghat mal-Pulizija ser jibdew jigu avzati l-Kunsilliera kollha biex jattendu.

598. Dwar minuta 539, Dott. Grima saqsa kienx hemm xi zvilupp. Is-Segretarju qal li ghadu ma kitibx peress li qed jistenna korrispondenza li tiprova il-kaz tal-Kunsill.

599. Dwar minuta 544, Dott. Grima saqsa min qassam il-*magazine* tal-Kunsill. Is-Segretarju qal li dan tqassam min tal-banda. Il-Kunsilliera lmentaw li avolja il-festa

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

ghaddiet, il-magazine kien ghadu ma tqassamx kullimkien. Is-Segretarju qal li kien diga cempel lilt al-banda filghodu u qallom jehilsuh din il-gimgha.

600. E Brincat saqsa intbghatitx l-ittra ta' ringrazzjament msemmija f'minuta 545. Is-Segretarju qal li ntbghatet permezz tal-email.

601. Dwar minuta 547, E Brincat qal li hu diga beda jimxi ma din il-minuta. Is-Segretarju qal li r-residenti ta' Sqaq Casolani huma kuntenti hafna bix-xoghol li sar u li hafna minnom cemplu il-Kunsill biex jirringrazzjaw lill-Kunsilliera.

602. Dwar minuta 552, M Baldacchino qalet hemmx xi risposta. Is-Segretarju qal li din ser tigi diskussa fil-punt tal-Korrispondenza f'din l-agenda.

603. Dwar il-problema ta' hamiem u il-hmieg taghhom msemmi f'minuta 556, Dott. Grima qal li dawn misshom jinqabdu u jigu *neutered*.

604. Dwar minuta 557(c), is-Sindku qal li r-ritratti kienu personali u li l-prezentazzjoni ma saritx dakinhar.

605. Dwar minuta 557(d), is-Sindku qal li hu ma kienx jaf li r-rapport sar mis-Segretarju Ezekuttiv u ghandu ittra mill-Kumitat tal-Futbol Msida St. Joseph F.C. li tmur kontra dak allegat mis-Segretarju Ezekuttiv.

Dott. Grima qal li kien cempillu s-Sindku fejn dan infurmah illi kien ser isir tournament, u dehrlu f'dak ir-rigward, li gustament ma jaqbizx lis-Segretarju, u ghal €150 ta' l-approvazzjoni li l-Kunsill ghamel tournament ma' tal-futbol.
Is-Sindku ikkonferma illi it-tournament kien ghadu ma sarx.

Is-Sindku qara l-ittra mibghuta lill-Kunsill mil-Klabb Msida St. Joseph F.C.

Dott. Grima qal li ma kienx jaf illi kellu jkun hu li javza lill-Kunsilliera Nazzjonalisti b'din l-attivita. M Agius qal li setghet issejhet laqgha ta' urgenza kif is-Sindku sejjah dik ta' Jum l-Imsida.
C Selvaggi qal li la vera dan it-tournament kien organizzat mil-Kunsill u Klabb tal-futbol, kif hu bhala Kunsillier ma jaf b'xejn?
C Selvaggi u M Agius qalu li dan mhux vera kien organizzat mil-Kunsill.

Is-Sindku qal illi hu qatt ma ghamel dan ghar-ritratt.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal lis-Sindki illi:
(a) Din ma gietx approvata fil-laqgha tal-Kunsill
(b) Li l-Kunsill Lokali Msida, qatt ma kellu korrispondenza jew komunikazjoni fuq din l-attivita
(c) Illi hu gie zgwidat biex jiffirma cekk, u malli induna b'dan sejjah lis-Sindku fl-ufficju tieghu biex jispjega. Is-Segretarju qal li l-ispjega ma kienetx treggi u ghaldaqstant irraporta lid-Dipartiment.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Il-Kunsill qabel li jkompli jiddiskuti din il-materja la darba tigi ir-risposta tar-rapport mid-Dipartiment.

606. Dwar minuta 558, is-Sindku qal li hu sejjah laqgha ta' urgenza ghal-Mertu Msida ghax hu ma kienx ser ikun prezenti nhar l-Erbgha.

C Selvaggi qal li rcieva email li wara li kien saqsa lis-Segretarju Ezekuttiv specifikament fuq il-materja u dan qallu li l-laqgha ser issir it-Tnejn. L-email li ntbghatet wara umbghad qalet li l-laqgha ser issir l-Erbgha. Is-Sindku qal li kien msiefer u ikkonferma lis-Segretarju biex issir it-Tnejn ghax hu ried li l-laqgha issir it-Tnejn.

E Abela qal li dawn affarijiet tal-passat u li kulhadd jista jizbalja. E Brincat qal li f'Jannar ghandu isir kalendarju ta' x'jista isiru attivitajiet matul is-sena. Is-Segretarju qal li, kif mitlub bil-ligi, ser jibda jizdied punt fl-agenda ta' 'Aggornament' fejn il-Kunsill jiddeciedi formalment id-data tal-laqgha li jkun imiss.

M Agius qal li din it-tieni jew tielet darba li tressqet laqgha ghal konvenjenza tas-Sindku.

Dott. Grima saqsa hux ser jiltaqa il-Kumitat Offerti Publici biex jigi diskussi punti fuq it-tender ta' Public Private Partnership. Is-Sindku qal li nistghu niddeciedu dan fil-laqgha tal-Kunsill.

607. Dwar minuta 569, C Selvaggi qal li d-drenagg ghadu hiereg. Hu qal li l-Kunsill diga irraporta lis-Sanita. Issa ir-restaurants tal-inhawi lesti biex izommu lill-Kunsill risponsabli ghad-danni li qed jikkawzalom dan l-izbroff ta' drenagg. C Selvaggi qal lit as-Sanita ghadhom ma tawx risposta.

C Selvaggi heggeg ukoll biex il-funtana ta' triq Victor Denaro tisewwa minghajr aktar dewmien.

608. Dwar minuta 572, is-Sindku qal li rcieva telefonata mil-President tal-Kazin tal-Partit Nazzjonalista tal-Imsida dwar id-donazjoni u hu qallu li ser jiccekja l-affarijiet ghax ma kienx jaf iwiegeb. Is-Sindku qal li cempel lil Vici-Sindku fejn din infurmatu li din kienet donazjoni. Hi umbghad qaltlu li ser tkellem lil Dott. Grima biex ma l-affarijiet ikunu cari.

609. Dwar minuta 573, is-Sindku qal li ta' kuljum jikteb petizzjonijiet ghal residenti fuq citazjonijiet, u li gielu ukoll jikteb in-numru tal-Mobile biex il-Bord jivverifika mieghu il-kaz. Is-Sindku qara korrispondenza numru 1117, mil-Authorised Officer tal-Kunsill, fuq talba tal-Kunsill skond minuta 573.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

**Punt 3 Korrispondenza**

610. 1031 – Is-Sindku qara l-ittra mid-Dipartiment dwar il-kirja ta' karma fl-ewwel sular tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li tinghata bil-kirja, liema valur kien gie deciz mil-Perit tal-Kunsill.

611. 1067 – Is-Segretarju prezenta rapport tal-Pulizija u talba ghal-kumpens ghal danni li garrab persuna fil-vettura tieghu minhabba il-grawnd tal-futbol fis-Swatar. Il-Kunsill qabel li jhallas ghad-danni li jammontaw ghal vicin it-€300.

612. 1084 – Il-Kunsillier E Brincat talab lill-Kunsill japrova tqeghid tal-bollard fejn il-flats tal-gvern. Il-Kunsill qabel.

613. 1099 – Il-Kunsill qara ittra mibghuta mid-Direttur Bugelli dwar kontrazenzjonijiet u sinjali tal-karregata fi Triq Achille Ferris. Il-Kunsill qabel li jsir kuntatt telefoniku mad-Direttur biex nifmu ahjar il-materja u isiru it-tibdiliet necessarji minghajr dewmien.

614. 1095 – Il-Kunsillier E Brincat talab lill-Kunsill jixtri ammont ta' tappieri biex jghalaq hafna hofor tal-armar tan-nar li hemm fil-gnien quddiem il-Knisja ghax dawn jistghu ikunu ta' periklu. Il-Kunsill qabel.

615. 1097 – Is-Sindku qara ittra li qed tirraporta tqeghid ta' rampa illegali fuq il-paviment ta' Triq l-Universita. Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra mill-Avukat u niverifikaw x'passi jistghu jittiehdu mal-Pulizija ukoll.

616. Is-Segretarju prezenta korrispondenza li dahlet filghodu stess, mibghuta mill-Ministeru tal-Finanzi dwar allegat ksur ta' permess min persuna li kellhu il-kiosk armat fil-festa. L-email tghid illi xi bejjiegha tal-kiosks ohra irrapurtaw lil din il-persuna l-Ghasa tal-Pulizija peress illi kiser il-permess u minflok rama f'post numru 23, dan rama f'post numru 1. Il-Pulizija hawn ma hadu l-ebda passi u l-persuna baqa armat fil-post hazin il-festa kollha.

Is-Segretarju qal illi l-permess mghoti lil din il-persuna jghid bic-car illi la darba tinkiser din il-kundizjoni, il-Kunsill ghandu l-fakulta li ma jghatix permess ghal sena ohra.

Il-Kunsill qabel li jivverifika s-sitwazjoni mal-Pulizija, u l-ghala ma ittiehdux passi kontra tal-kiosk. Il-Kunsill qabel ukoll illi ghandu jinzamm kuntatt mal-Ministeru tal-Finanzi fuq il-progress tal-materja.

617. Peress li kienu ghaddew sghatejn u tlett kwarti diga, is-Sindku issospenda l-agenda biex jigi diskuss Punt 6 tal-Agenda.

**Punt 6 Approvazjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet**

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

618. M Agius saqsa l-ghala l-Kunsilliera inghataw Allowance ta' €480 u mhux ta' €600. Is-Segretarju qal li Memo partikolari fuq dan il-punt tghid li ghanda titnaqqas 20% taxxa min fuq l-allowance tal-Kunsilliera.
619. E Brincat propona li pagament numru 29 jinzamm, sa ma il-*maintenance* tal-lift issir kif suppost. Il-Kunsill qabel.

620. Is-Sindku ressaq il-lista tal-pagamenti tal-kontijiet ghall-approvazjoni. Dott. Grima ssekonda. Il-lista giet iffirmata mis-Sindku, Dott Grima u s-Segretarju Ezekuttiv.

621. **Aggornament**: Il-Kunsill qabel li jaggorna l-laqgha ghal nhar it-Tlieta 27 ta' Lulju fil-5.30pm sabiex titkompla din l-agenda.

622. Il-laqgha ntemmet. Hin: 20.30.

Approvati llum ________________________________________

Nutar Clifton Grima
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju E\ekuttiv

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com